MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 404/2003

**FXB Limited**

**Vs**

**Alfred George Vella f'ismu proprio**
**u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza**
**ta' Masons Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,730 liema somma tirrapresenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lill-konvenut pro et noe mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-4 ta' Awissu 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut pro et noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut pro et noe jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut pro et noe naqas u ma deherx fis-27 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1730.00,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Awissu 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-4 ta' Awissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------